1126



# il -polz

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

organu tal - moviment qawmien letterarju

għadd 23

ottubru 1972 — frar 1973

# il-polz

organu tal-moviment qawmien letterarju

## editorjal

*IL-MIXJA letterarja dan l-aħħar ħadet xejra iżjed mgħaġġla u mżewqa. Żdiedu l-kittieba, u għalhekk żdiedu wkoll dawk il-ftit li fihom jinġabar il-qofol krejattiv ta' żmienna. Kotru mhux ftit il-kotba li joħorġu minn żmien għal ieħor, kwazi lkoll b'libsa teknika li ssoktat tkabbar il-prestiġju meħtiej tal-letterat Malti. Il-ħidmiet ta' l-għaqdiet letterarji jissemmew sikwit, u sikwit ukoll huma għodda siewja għar-resqin tal-letteratura lejn taqsimiet differenti tal-pubbliku li jaqra.*

*Ma nistgħux ngħidu li l-ħajja letterarja, mela, m'għandhiex in-nifs qawwi tagħha fi żmienna. Lanqas ma nistgħu ngħidu li l-programmi kulturali tar-Rediffusion, uħud minnhom imxandra f'isem il-gruppi letterarji tagħna, ma humiex iqajmu l-interess fil-kitba Maltija, l-aktar fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa (għad li xi drabi l-livell imissu jitjieb mhux ftit). Madankollu, meta nqabblu dan kollu mal-ħajja artistika barranija, jidher minnufih in-nuqqas ewlieni: il-moviment ta' tiġrib intelletwali u artistiku fuq livell tassew sofistikat u għoli. Ma jeżistux il-laqgħat bejn kittieba u publiku, jew bejn ġemgħat sħaħ ta' kittieba. Ma jeżistux il-laqgħat bejn kittieba u publiku, jew bejn ġemgħat sħaħ ta' kittieba. Ma jeżistux il-kungressi jew "seminars" jew konvenji, insejħulhom kif irridu, fejn l-aħjar imħuħ jiddiskutu xi awtur, jew epoka letterarja, jew jinqraw studji ta' lingwistika, kritika letterarja. Lanqas għadna ma nistgħu naraw il-prestiġju tal-kittieb Malti jogħla bis-saħħa ta' xi premjijiet nazzjonali mogħtijin bi kriterji sodi ta' kompetizzjoni, studju u reqqa.*

*Iżda aktar minn premjijiet kbar, l-ambjent letterarju jeħtieġ dik ir-ruħ spiritwali qawwija li tidħol fil-fond, fil-qalba ta' diskussjonijiet u valutazzjonijiet li juru l-ħila tal-kittieb ħaj huwa u jaħseb u jitkellem dwar il-ħila ta' kittieba mejtin jew xi epoki mgħoddija. Tkun ħaġa siewja mhux ftit jekk 'il quddiem xi għaqdiet letterarji jiftiehmu bejniethom u jfasslu xi seminar jew kungress letterarju dwar xi aspett tal-letteratura maltija, jew dwar il-qagħda fiha nnifisha ta' l-ilsien malti miktub. L-organizzazzjoni ta' ħidmiet bħal dawn tista ssir bis-serjetà jekk, minn żmien qabel, ikun hemm il-garanzija li se jitkellmu kittieba intelliġenti, u jekk il-membri ta' l-udjenza — artisti, studenti, publiku — jagħtu kelma, b'xi mod, li se jattendu dejjem.*

*Aktar ma jinħoloq ambjent ta' livell għoli, aktar tonqos il-marda tad-dilettantiżmu letterarju li tant għadha tiżgħed fostna, u forsi wkoll jibdew jitnisslu l-kriterji l-iżjed bażiċi għal valutazzjoni letterarja ġenwina li tagħżel it-tajjeb mill-ħażin, bla mistħija jew nuqqas ta' maturità minn min jiġi kkritikat. Fostna għadhom imħawdin ħafna l-kriterji tat-tajjeb u l-ħażin. Jinstema' biss tifħir. Laqgħat bħal dawn jistgħu jrawmu ambjent mibni fuq żewġ ħwejjeġ għażla u profondità.*

indirizz editorjali:
6 Gemini Court, Triq il-Ġdida wara Triq Ħal-Qormi — B'Kara

**bord editorjali:**
**Orestre Calleja**
**Oliver Friggieri**
**V.M. Pellegrini**
**Vanni Riolo**

*Stampa tal-qoxra:*

Id - disinn tal - antoloġija "Misraħ il-Għana" tal-M.Q.L., xogħol ta' Mario Azzopardi.

# l-eqdem tejatru fl-ewropa

Fis-sena 1971 it-Tijatru Manoel għalaq l-ewwel għaxar snin minn mindu nfetaħ mill-ġdid għall-poplu bħala Tijatru Nazzjonali; hi ġrajja ta' importanza fil-kamp kulturali ta' pajjiżna li sa minn żmien il-qedem kellu dejjem għal qalbu l-arti f'kull qasam tagħha, kemm jekk mitwielda f'waqtiet ta' Indipendenza kemm jekk taħt id-diversi ħakmiet li taħthom Malta qatgħet żmien twil fl-għejxien tagħha.

Il-ħtieġa tar-rikostruzzjoni ta' gawhra artistika bħal ma hu t-Tijatru Manoel kienet ilha tinħass u kien, tista' tgħid, il-poplu kollu li ta sehmu biex monument Nazzjonali ta' din ix-xorta jerġa' għalli kien, fl-aqwa glorja u għożża tiegħu, għand il-poplu kollu, il-għaliex il-gvernijiet tal-pajjiż, minkejja l-ideoloġiji diversi tagħhom qablu li l-Manoel jerġa' jkun dak iċ-ċentru artistiku li Malta kellha tant bżonn, u kollha kemm huma taw sehemhom, min b'ħaġa u min b'oħra, biex illum għandna Tijatru li niftaħru bih, inkunu fejn inkunu.

L-istorja tat-Tijatru Manoel hija twila, varjata u għad trid tinkiteb b'mod għaqli biex wieħed ikun jista' jaf il-ġrajjiet kollha li għaddha minnhom.

Kulma nkiteb s'issa huma artikoli żgħar, paragrafi u aċċenni ftit jew wisq imtennija wieħed minn fuq l-ieħor, li dejjem fihom dawk il-fatti storiċi l-iktar impor-tanti tal-ħajja, twelid, skop u xi avventuri. L-istorja għad trid tagħtina d-dettalji żgħar li minnhom toħroġ il-ħajja ta' ċentru bħal dan u nittama li qajl qajl, ix-xogħol professjonali jħallini ngħaqqad b'reqqa u skop storiku l-istorja tat-Tijatru Manoel.

Sa dan it-tant tajjeb li wieħed ifakkar kif inħoloq u minn fejn għadda sa ma reġa' waqa' f'idejn il-Gvern u ħa l-istatus tiegħu ta' Tijatru Nazzjonali.

*(jissokta wara)*

---

## STQARRIJA IMPORTANTI

Fis-17 ta' Frar, 1973, il-Moviment Qawmien Letterarju ltaqa' għal laqgħa oħra tal-Kumitat. Fost ħwejjeġ oħra, ġiet studjata ċ-ċirkulari li kien ħareġ ftit qabel is-Sur A. Raimondo, Direttur ta' l-Edukazzjoni dwar iż-żamma tal-Kitba ta' awturi, eċċ, li jaħdmu fid-dipartiment imsemmi. Il-M.Q.L. emmen li din hija ta' ħsara għall-Kittieba Maltin u ħareġ din l-istqarrija.

**MOVIMENT QAWMIEN LETTERARJU**

60a, Triq Brittanja, il-Belt.
Illum is-Sibt, 17 ta' Frar, 1973.

STQARRIJA

Il-Kumitat tal-Moviment Qawmien Letterarju, imlaqqa' illum, 17 ta' Frar 1973, wara li studja ċ-ċirkolari li ħareġ dan l-aħħar id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar iż-żamma tal-jedd fix-xandir tal-kitba li qed teffettwa wkoll xogħlijiet letterarji, u li jridu jgħaddu minn talba għal permess biex jixxandru, jistqarr unanimament dan li ġej:

*(jissokta f'paġna 11)*

# it - tejatru manoel

*minn paġna 1*

Kien il-Grand Mastru Portughis Manoel de Vilhena li bnieh bħala "Teatro di Corte" fuq il-mudell ta' dak ta' Palermu, wieħed mill-isbaħ tijatri tad-Dinja u li llum ma għadux jeżisti. L-għamla ta' dan it-tijatru hija forma ta' nagħla u f'din il-forma, wara t-tiġrif tat-tijatru ta' Palermu, il-Manoel baqa' l-uniku tijatru hekk konċepit u f'dan is-sens huwa llum l-iktar wieħed antik u wieħed mill-isbaħ fid-dinja.

Kellu awditorju jew plateja, erba' ordnijiet ta' palki u gallerija. Il-palki li kienu fil-livell tal-plateja tneħħew; u fl-istess epoka żdiedu taħt l-ark tal-proxen tmien palki oħra, l-ewwel tnejn ta' kull naħa insibuhom bħala il-parter għax jagħmlu parti kważi mil-plateja, l-oħrajn fuqhom ikomplu ma' l-ordnijiet tal-palki l-oħra. It-tliet palki ċentrali tal-Prim Ordni kienu riservati għall-Prinċep u għas-segnitu tiegħu; il-lum għadhom jaqdu l-istess skop billi huma riservati għall-gvernatur, għall-Prim Ministru u għall-Ministru ta' l-Edukazzjoni, li taħt il-ħarsien tiegħu jaqa' t-Teatru Nazzjonali.

Fil-faċċata ta' kull palk naraw pittura 'a fresco' ta' veduti u raħħala; bukketti ta' fjuri u ornamenti; il-background illum, skond kif ħaseb li kien oriġinarjament il-Professur Brand, huwa bottle green, drabi oħra kien royal blue, iżda aktarx li kien ivory white, freġjat bid-deheb, u li fuqu kienu jaqtgħu iżjed il-pitturi u l-purtieri li kien hemm fil-palki u li kienu bottle green kif qata' Brand, li eliminahom għal kollox u espanda it-tejorija tiegħu bħala background ġenerali. L-effett huwa stupend xorta waħda u l-kompless hu deħra li warajha kull turist u kull min għandu gosti artistiċi jissaħħar.

Il-ftuħ tal-Manoel sar fid-19 ta' Jannar 1732 bit-traġedja "Merope" tal-Markis Francesco Scipione Maffei, xogħol letterarju ta' qawwa li kien ammirat wisq minn Voltaire u li jinsab maqlub ukoll bl-ingliż; wara dak il-ftuħ in-novizzi u l-kavalieri ta' kull lingwa, rrappreżentaw xi xogħol letterarju, aktarx bit-Taljan jew bil-Franċiż; imbagħad bdew jiġu artisti barranin, bdew jiġu rappreżentati opri u f'kull okkażżjoni ta' ferħ tista' tgħid li l-Manoel kien ikun minn ta' l-ewwel biex jiġbor fi ħdanu l-*elite* tal-pajjiż.

Serati kbar oħra kienu dawk li għalihom attendew is-suċċessuri tal-Gran Mastru Manoel, il-Kmandanti Franċiżi ta' żmien l-okkupazzjoni; famuża dik tal-4 ta' Diċembru 1838 meta r-Reġina Adelaide ta l-Ingilterra assistiet għal opra ta' Donizetti "Lucia di Lammermoor"; dik tal-11 ta' Jannar 1951 meta r-Reġina renjanti, li kienet għadha Princess Elizabeth, attendiet għall-kunċert orkestrali. Fi żminijiet iktar reċenti u preċiżament fis-27 ta' Diċembru 1960 meta sar il-ftuħ tat-Tijatru Manoel rikostruwit u ppreżentat għall-pubbliku bħala monument u Tijatru Nazzjonali, bil-ballet "Coppelia" magħmul mill-kumpanija "Rambert". Biex nagħlaq insemmi s-serata meta l-Maestà Tagħha r-Reġina u l-Altezza Tiegħu d-Duka ta' Edinburgh attendew għal "Command Performance" f'ġieħhom meta talent lokali ppreżenta kunċert orkestrali f'ambent saħħari, billi tabilħaqq it-tijatru kien, f'dik l-okkażjoni, bħal xi ħaġa li taqra fuqha f'xi ħrafa u mhux fir-rejaltà.

Dan fil-qosor hu l-gwarniċ li fih wieħed jista' jħares lejn it-Tijatru Manoel. Nistgħaġeb għalhekk b'dawk in-nies li, għal xi raġuni jew oħra, għadhom qatt ma rifsu fih, jew b'dawk li jippretendu li l-funzjoni tiegħu għandha tiġi limitata għal dik ta' tijatrin.

Il-kategorija, l-waħda u l-oħra, huma t-tnejn sajmin minn dak li għandu jkun il-veru tijatru u fuq kollox Tijatru Nazzjonali, li fid-difinizzjoni l-aktar wiesgħa tiegħu ma j stax jeskludi il-parteċipazzjoni ta' attivitajiet internazzjonali li jikkumpletaw il-kwadru ta' attivitajiet li jsawru l-ħajja ta' Tijatru Nazzjonali. U għalhekk għamel sewwa l-Kumitat ta' Direzzjoni ta' dawn l-aħħar għaxar snin, meta żewwaq bukkett imfewwaħ li kulħadd seta' jagħżel minnu dak li l-aktar jogħġbu. Għax b'dan il-mod issoddisfa lil kulħadd, u baqa' fidil mal-motto tat-Tijatru, li taħ il-fundatur tiegħu Manoel de Vilhena: "Ad majorem populi oblectationem".

poeżiji ta'

# gorg borg

ĠORĠ Borg għadu kemm ħareġ għażla mill-poeżiji tiegħu, miktuba bejn l-1964 u l-1971, fi ktieb bl-isem "L-Ilma tal-Wied", bi studju ta' Oliver Friggieri. Ġorġ Borg deher għall-ewwel darba bħala poeta fi "Dħaħen fl-Imħuħ" li kien qajjem kontroversija sħiħa fl-1967. Fl-1972 huwa xandar "Ir-Razzett tal-Bhejjem" traduzzjoni ta' "Animal Farm" ta' George Orwell, f'edizzjoni tal-Klabb Kotba Maltin.

## bħal marid

FIT-TIEQA ta' kamarti
sthajjiltni bħal marid
li mhux se jfiq
— igawdi biss minn ġewwa
il-ħajja ta' ġot-triq.

U bħal marid
għajnejja bdew jiħmaru
u jdemmgħu ta' sikwit.

## helwa madonna

HELWA Madonna
jekk ftaħt ir-radju u smajt l-aħbarijiet
jew mill-gazzetti qrajt l-aħħar ġrajjiet
jekk Int terraqt fis-skiet
u għixt flimkien ma' ħuti
fil-beraħ jew fl-ibliet,
Int taf li d-dinja tagħna
hi kollha ġlied u ġlied.

Ħelwa Madonna
jekk tifhem l-għala llum naqasna l-kliem
u l-għala l-ħila ddub fix-xejn quddiem
il-qerda l-mewt u t-tmiem,
erġa' fid-dinja tagħna,
għix magħna tul il-jiem
u fuqna mbagħ'd jixxerred
is-sliem, is-sliem u s-sliem!

## IN MEMORIAM

### FRANK J. EBEJER

*F'NOFS Novembru, 1972, tħabbret il-mewt ta' Frank J. Ebejer, l-iben ta' 22 sena ta' Francis Ebejer, id-drammaturgu magħruf. Il-Moviment Qawmien Letterarju ma naqasx li jġuri s-sogħba ġenwina tiegħu għal din it-telfa kbira li ġrat f'inċident tat-traffiku. "Il-Polz" kien ir-rivista lokali li xandar poeżiji ta' Frank J. Ebejer, poeta żagħżugħ li kien diġà wera li s-sengħa qawwija ta' missieru kienet diġà bdiet titlaħħam fih ukoll. F'"Il-Polz" ta' Settembru 1969 (għadd ħdax) xandarna l-poeżija tiegħu "The woman I so want to see", u f'dak ta' Marzu, 1970 (għadd tlittax) xandarna "Paintings Metamorphosis Spiritual". "White Stone Work encloses me..." hija poeżija oħra tiegħu li xxandret fi studju li Kenneth Lawrence Beaudoin xandar fir-rivista letterarja amerikana "Old Hickory Review" (April, 1970).*

*Il-Moviment Qawmien Letterarju, u hawn l-aktar il-bord editorjali ta' "Il-Polz" jerġa' jġuri s-sogħba tiegħu għal din it-telfa li ġarrab Francis Ebejer, u jitlob lill-qarrejja jiftakru fih fit-talb tagħhom.*

# progetti tal-klabb kotba maltin

*IL-HIDMA tal-Klabb Kotba Maltin, mibnija fuq il-ħruġ ta' ktieb ġdid minn xahar għal ieħor, issa se tiż-died bil-ħruġ ta' rivista letterarja. Ir-rivista se tagħti tagħrif dwar il-ħarġiet ġodda li jkun hemm imfasslin, kummenti dwar il-qagħda tal-kittieb u x-xogħlijiet tie-għu f'Malta, u reċensjonijiet.*

Iżda l-akbar biċċa xogħol ġdida hija l-bidu ta' sensiliet ġod-da. L-ewwel sensiela hija dwar artisti lokali. Is-sensiela se tagħ-ti importanza ewlenija lir-ritratti ta' uħud mill-aqwa xogħlijiet tal-pitturi u l-iskulturi msemmija, kif ukoll tagħrif kritiku u bijografiku dwarhom. Dan kollu se jimla vojt kbir fil-qasam ta' l-istorja ta' l-arti maltija li sa issa dehret dokumentata biss bis-saħħa ta' kummenti qosra fil-ġurnali u fuq ir-radju.

Sensiela ġdida se tħaddan kotba għat-tfal. Kulħadd jaf bin-nuqqas kbir li hawn ta' kotba Maltin għat-tfal. Is-sensiela se timla wkoll dan il-vojt li wieħed jista' jqis li hemm marbutin miegħu bosta diffikultajiet tal-Malti miktub u mitkellem fil-ġene-razzjoni l-ġdida. Is-sensiela se tibda bix-xandir ta' l-avventuri ċajtiera ta' Kunċett u Marinton, miktuba minn Trevor Żahra u mxandra għall-ewwel darba fir-rivista "Sagħtar" ta' l-iskejjel sekondarji.

It-tielet sensiela ġdida se jkun jisimha "Tagħrif għal kul-ħadd" u se tiġbor kitba dwar oqsma differenti ta' xjenzi li huma ta' siwi għall-bniedem komuni u forsi wkoll għall-istudjuż.Dan ukoll se jkun qasam ġdid li se jressaq l-użu ta' l-ilsien Malti lejn oqsma ta' studji li sa issa ftit li xejn inkitbu bil-Malti.

Is-sur Pawlu Mizzi, id-direttur u l-finanzjatur tal-Klabb Kot-ba Maltin, għandu tama li l-publiku Malti jissokta jkabbar l-in-teress tiegħu fix-xogħol ta' l-awtur Malti u jibda jfittex iżjed il-ktieb Malti mhux biss għal għanijiet letterarji iżda wkoll għal oqsma usa' ħafna mill-proża u mill-poeżija.

Is-Sur Mizzi għadu wkoll kemm fetaħ ċentru tal-Klabb Kotba Maltin fid-dar numru 3a, Triq id-dejqa, Valletta. F'dan iċ-ċentru, wieħed jista' jkellem rappreżentanti tal-KKM, kif ukoll isib Kopji ta' Kotba li ħarġu diġa fis-sensiela ta' kull xahar, jew kotba oħrajn li l-Klabb jista' jagħti lill-membri tiegħu bi prezz orħos milli jinbiegħu fi bnadi oħra. Iċ-ċentru jkun miftuħ kuljum, u għad li għadna ma nafux il-ħinijiet eżatti, nafu li kull fil-għaxija fil-ħinijiet normali, ikun hemm rappreżentanti tal-klabb.

Aħbar oħra li tissokta ssaddaq il-fama u serjetà tas-Sur Pawlu Mizzi f'din il-ħidma kuraġġuża u siewja kemm tista' tkun, hija dik tal-monument lill-poeta Għawdxi - Franċiż Lawrent Rapa. Mizzi għadu kemm lesta bust sabiħ tal-poeta u għas-sajf aktarx li jitqiegħed fil-Villa Rundle, ir-Rabat, Għawdex. Il-bust hu xogħol l-iskultur Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi.

# GELMUS

### poeżija ta' ġorġ żammit

ĦBEJŻA f'ħobbi
Għanja f'qalbi
Madmad ħajti fuq spallejja
Ktieb ġo but u ktieb ġol-ieħor
Sħab jittajjar f'sema safi
Ċagħaq u ħdura taħt riġlejja
Ġej infittxek
Kif 'l-għarusa
B'qalbu ttir
Ifittx l-għarus
Ġej infittex
Seħer ġmielek

ĠEJ infittxek.
Isma' jqarmeċ qigħ riġlejja;
Ħbejża f'ħobbi
Għanja f'qalbi
Madmad ħajti fuq spallejja.
Ġej infittxek:
Tgħid, insibek?
Nerġa' nitla'
Dik il-għolja
Fejn iż-żiffa tmelles ħlejju
Ras is-sagħtar
Wiċċ il-plejju;
Dik il-għolja
Qisha mbenna
Rieqda, toħlom ħolm il-ġenna,
Bejn il-Belt imdawra swar
U s-Salib isaltan ħiemed
Mill-quċċata ta' Għammar?

NIMXI, nimxi:
Ħbejża f'ħobbi
Għanja f'qalbi
Madmad ħajti fuq spallejja
Biż-żewġ kotba kollhom għana
Biex bi ġmielhom jien nistagħna
Kif stagħnejt meta tfuliti
Ġiet tgħannilek għana ħlejju
Qalb is-sagħtar
Qalb il-plejju
U 'l għanjitek ma' għanjiti
Nisġet f'nisġa ta' sbuħija

FEJN għannejtlek li int ħija
Għax int bħali
Waħdek waħdek
Tħares ħarsa ta' stmerrija
Fuq l-allat li taħthom tmiegħket
Ras il-merħla kotranija;
Għax int bħali
Waħdek waħdek
Tgħolli ħarstek
Lejn id-dija
Għani bl-għana li jgħannulek
Xemx u żiffa u fwieħa, mħallta
Mal-għasafar geġwiġija
Mal-merill — seħer tas-sema
U mal-bilbla ferriħija
Fl-ogħla, fl-ogħna poeżija.

GERREM gerrem, dudu, gerrem
Tagħlaq, u ma ddumx, il-qbiela!
Gerrem, susa, d-dell ta' dellek
Sħiħ daqs brag il-Faragħuni:
Ram iċaqċaq: "saxe" inewwaħ;
Gerrem: b'hekk aktar tiġġewwaħ:
Għerri brag il-Faragħuni
U mid-dinja għamel Frankuni!

NIMXI, nimxi,
Ħbejża f'ħobbi
Għanja f'qalbi
Ruħi kollha poeżija:
Tgħid għad nilmaħ
Dak il-beraħ
Tal-quċċata
Kollha sagħtar
Kollha plejju;
Tgħid għad nasal
Bħal għarus
Illi jħaddan
Lill-għarusa
Ja Gelmus?

JEKK trid tissieħeb fil-Klabb Kotba Maltin, u tibni librerija ta' livell għoli bil-Malti, b'kotba tassew puliti u rħas, ikteb lil
PAWLU MIZZI, Klabb Kotba Maltin
65, Vjal il-Knisja,
Raħal Ġdid (Tel. 20594).

# il-bronja

SMAJTHA ċċaqalqek min-ngħas fl-ewwel nifs taż-żerniq?
Smajtha tħabbarlek il-ħajja fuq ġwienaħ ir-riħ?

Qum, ħabrek, ħi, ħabrek, ħi: drigħ il-mitħna maħkum
Mit-tisfira taż-żiffa li welldet u bennet il-jum.

Doqq, bronja, doqq: semma' leħnek fis-sikta tas-sbiħ,
Ħabbar li l-qalgħa tal-mitħna qed tvenven fir-riħ

Fakkar li l-qamħa trid tmut u tindifen, biex tqum
U xxejjer id-deheb ta' xuxitha fis-sakra tal-jum

Fis-sakra li tiftaħ b'seħerha l-bibien tal-witgħat
Fejn jimraħ il-bniedem bħal alla flimkien mal-allat.

Jekk mietet u ndifnet il-qamħa, saqquha bid-dmugħ,
Aħsduha, rekknuha, ġibuha, ħa jvenven il-qlugħ

Li joqtol biex igħajjex, u jwennes bi ġmielu għannej,
U jinseġ l-għanqbuta li tħaddan li kien ma' li ġej.

Il-qamħa tal-bieraħ, illum għarrarnieha fis-semm.
Tibżgħux: il-warda taf titla' mill-miżbla, u l-ħena mid-demm

Il-makna tal-qilla ħakmitna radmitna nissiet
Li l-isbaħ fost l-għana hi l-għanja li tgelgel mis-skiet.

Deħrilna li ħlisna mill-ixkla tas-sema u tal-art,
Temgħuna sikrana flok qamħ, tawna x-xewk flok il-ward,

U fraħna fil-bluha, għax ħsibna li ksibna l-ħelsien,
U għomja tgħabbejna bit-toqol ta' madmad iż-żmien.

Għalhekk semma' leħnek, bronja, fuq għamad il-qlub,
Għax fetħet, il-mitħna, dirgħajha, bħal Alla mislub.

Doqq, semma' leħnek, bronja, mal-erbat irjieħ:
Fakkarna li ukoll il-baħbuħa mitlufa fil-qiegħ

Tal-ifnad fost l-ibħra għad tista' tinġabar x'imkien
U tidwi f'widnejna bil-kobor ta' ġuf il-ħolqien.

ĠORĠ ŻAMMIT

* **Bronja: Bebbuxu kbir tal-baħar li t-toħħana ta' dari kienu jdoqqu bħal trumbetta, biex juru li r-riħ kien tajjeb għat-tħin.**

# ULIED EVA

alfred sant

— *ALLA tagħna, isma' t-talb tagħna, eħles għinna u ieqaf magħna. Nikkonsidraw u nikkontemplaw l-ewwel Misteru minn tal-Ferħ.*

*Il-lejl kien imsaħħab, b'kesħa rqiqa fl-ajru u għalhekk l-abbatin għażel li joqgħod ħdejn il-bieb tad-dar vojta li tinsab f'ras it-triq. Jekk tibda traxxax ix-xita, jista' jistkenn minnufih fuq l-għatba u jissokta bir-rużarju bla waqfien. Ħassu għajjien, anke l-kuruna li qed iżomm f'idu biex jgħodd l-Ave Marija fuqha, dehritlu kiesħa u tqila bejn subgħajh. Sa' nofs siegħa oħra, jkun temm it-talb, imbagħad malajr għand dun Karm li jgħidlu fejn imur għada fil-għaxija biex bħall-llum u l-bieraħ, jirreċta r-rużarju. Wara, jgħaġġel id-dar u minkejja l-għeja, jqalleb ftit il-kotba, jagħmel mill-aħjar biex jagħsar qatra oħra ta' tagħlim qabel jorqod. Qegħdin jgħidu li din is-sena mhux se jkun hemm aktar eżamijiet u tgħaddi minn skola għal skola bla provi. Imma aħjar ma tissograx, ma tafx kif setgħu jibdlu l-ħsieb, u jekk hu jerġa' jeħel din is-sena, ikollu jaqta' jiesu milli jidħol fl-iskola l-oħra.*

— L-Anġlu Gabirjel ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla . . .

It-triq quddiemu kienet żewġ faċċati ta' dlam imtaffi mid-dawl li jixref minn bibien miftuħa fuq l-antriporta u twieqi, il-parruċċani ta' Dun Karm, attenti għall-leħen ta' l-abbatin u jweġbuh. Minħabba l-kesħa, kulħadd baqa' mgeddes ġo daru l-lejla, waqt li s-soltu ssib ħafna li joħorġu fuq l-għatba. L-akbar fawra ta' dawl ġejja mill-ħanut taxxorb fit-tarf l-ieħor tat-triq u mill-ħġieġ tat-twieqi, l-abbatin lemaħ lill-irġiel miġbura fih biex jixorbu, jpaċpċu u jilagħbu l-karti. Xi wħud minnhom forsi, qed jitolbu ma' l-abbatin għax din l-ideja ta' dun Karm, li jorganizza ta' fil-għaxija t-talb pubbliku fit-toroq tar-raħal, qabdet l-art sew. L-abbatin issielet ma' titwiba li qed tobromlu x-xedaq u ma tħallihx itemm l-Ave Marija. Ix-xitan . . . spirtu kiefer, li ma jħennx għalik. Ħassu għajjien.

Kienu ħallew it-tieqa mbexxqa, u żammew bozza waħda tixgħel. L-omm bil-qiegħda fuq siġġu għoli qrib it-tieqa, il-missier u ż-żewġt ibniet fuq il-pultruna mkittfa ħdejn il-mejda, iż-żgħira rieqda, il-missier ukoll qiegħed jogħnos, ta' kull waqt jinħasad, iqum b'salt, igedwed it-tweġiba għal darba darbtejn, u

(jissokta wara)

• minn paġna 7

"... ix-xiħa qamet minn fejn kienet wara t-tieqa, u marret tixgħel il-musbieħ. Leħen l-abbatin, irqiq u mbiegħed, nieda t-tieni posta."

bħal jerġa' jinsa x'inhu jagħmel, għajnejh jingħalqu. L-omm u t-tifla l-kbira li kull darba li leħen l-abbatin jasal lejhom minn bejn il-persjani, jweġbuh kif imiss. Barra, il-kesħa; hawn ġew, issħana ta' erba' bnedmin magħluqa f'kamra żgħira tul il-fil-għaxija. L-omm ħasbet kif issa se jkollha twarrab il-ħolma tagħha li jikru dar akbar fuq ix-xaqliba l-oħra tar-raħal. Mhux talli hekk, talli l-flus li rnexxielhom irekknu dawn l-aħħar snin, se jkollhom jinqdew bihom biex jibqgħu jgħixu kif inhuma. Għal min jaf kemm-il darba, qed terġa' tara wiċċ żewġha, meta wasal lura mix-xogħol, sagħtejn ilu. — Dil-ġimgħa l-aħħar. Ma nafx fejn naqbad immur biex insib naħdem. — It-talb donnu ma jiswa għal xejn. Titħabat il-jum kollu, tagħmel dmirek bla ma tixtieq deni lil ħadd, u xorta waħda tibqa' mdendla fuqek it-theddida tal-għaks. L-omm ħasbet f'oħtha li daqt tagħlaq għaxar snin l-Awstralja: dik għażlet tajjeb. It-tifla l-kbira, bejn tweġiba u oħra, tifli lil ommha. Il-missier jongħos mill-ġdid mhux biss għax għajjien, imma wkoll biex jinsa.

— Qaddisa Marija omm Alla, itlob għalina midinbin . . .

Ix-xiħa qarbet lejn il-persjani magħluqa tat-tieqa. Kien għadda xi ħadd? Seħtet il-mument li fih naqqset l-attenzjoni, it-triq baħħ. Kien hu li għadda, li daħal għand il-ġara? Imbagħad, semgħet iż-żafżifa ta' bieb. Kien hu. Ma jmissħomx jisthu? Inħakmet minn għadab bla qies. F'hiex wasalna, in-nies m'għadhom jisthu minn xejn. Tqarraq bir-raġel, tapprofitta ruħha minn dak li żżewġet quddiem qassis, tistenna li żewġha jmur fuq ix-xogħol ta' bil-lejl biex iddaħħal irġiel oħra fid-dar. Il-bieb qed jerġa' jżafżaf. Issa kienu flimkien. Alla tiegħi, għaliex tippermetti li jiġru dawn l-affarijiet? U żewġha, kif jista' jkun għadu fl-għama, għadu jafda lil martu . . . Jekk l-ittra waslet, bil-fors li jaf. X'inhu jistenna? Ix-xiħa qamet minn fejn kienet wara t-tieqa, u marret tixgħel il-musbieħ. Baqgħet ma xegħlitux għal ta' l-apposta llum, biex ħadd ma jilmaħħa wara t-tieqa. Leħen l-abbatin, irqiq u mbiegħed, nieda t-tieni posta.

— M'għidtlekx ma tiġix il-lejla?

— Ħsibt li se nobdik?

— Għalfejn ġejt?

— Rita! Għamilt ħilti kollha biex nagħmel kif għidtli u ma niġix il-lejla. Emminni, ma stajtx. Kelli bżonnok.

— Ma messekx ġ e j t. Qiegħda nibża' . . .

— Jaqaw, sar jaf? Qallu xi ħadd?

— Le, le. Hu ma jaf b'xejn.

— Mela minn x'hiex? Ħadd ma rani dieħel hawn . . .

Ma weġbitx. Ipprova jmellsilha xagħrha, qabditlu idu bil-ħlewwa u neħħit-hielu minn fuq spallitha.

— Kollox sew, qal, u leħnu kien maħnuq bid-diżappuntament. La tridni mmur, sejjer.

Ġibditu lejha bi sforz qawwi, ħaddnitu magħha, tifga kontrieh l-ilfiq li qed jherriha. Hi ukoll reditu jibqà, riedet iżżommu għal dejjem magħha, mhux f'das-salott qadim u mdawwal ikreh, siġġijiet goffi, mejda tleqq f'imitazzjoni tal-kewkba, kwadri mudlama, dal-ħabs li jagħlaqha minn kullimkien. Meta tkun miegħu li jirnexxielha tinsa u

(jissokta f'paġna 12)

# *wellidtni mill-gdid*

CARMEL ATTARD

INTI
wellidtni mill-ġdid f'irġuliti.
Kont qtiltni fl tfuliti
u f'żgħożiti
bil-marda li teqred qajl qajl
l-istess umanità.

Kont qtiltni
bil-weġgħat ġo qalbi
ta' mħabbiet mitlufa
bla qatt mitmuma.

Kont qtiltni
bil-għaġeb tal-kobor ta' ġismi
għarwien fil-għalqa ħadra
qalb silla w ħurrieq.

Kont qtiltni
fil-kamra mudlama magħluqa
fejn jien kont nadura sbuħitek
u ngħanni għanjieti bla naqbad
il-pinna f'idejja biex nikteb
u noħroġ minn ġismi
il-għanja bajda
is-sura ewlenija
tal-bniedem maħluq
minn idejk il-leminija
u żewġ ħlejqiet oħra.

Kont qtiltni
bil-firxa bla tarf ta' għemilek
u l-ibħra nfiniti ta' tagħlimek,
lili
li kont nishar waħdi
fuq ktejjeb il-għerf
u niffissa fid-dubji qerrieda
li wasslu dell mewti
fuq ċinta ta' bejt.

Kont qtiltni
f'żgħożiti u sqejtni
mill-kalċi tal-morr
biex miegħek imsallab
insalva lill-bniedem
mill-ħtija tad-dnub
li bih tgħabba f'qilltu
biex jifhmek aħjar.

Kont qtiltni
bir-refgħa ta' moħħi ħdejn tronok
fejn rajtek fil-glorja
li tgħammex l-għajnejn,
w'għammidtni mill-ġdid
mhux b'ibnek iżda Int
bl-istess dawl fejjiedi
li jarmu għajnejk.

Int qtiltli lil ġismi
marradtu, kerraħtu,
bellaħtu, jassartu,
biex tagħsar minn ġufu
il-bniedem divin.

Kont qtiltni erġajt
bi xbihat ta' mħabbiet oħra
li qatt ma stajt inħobb
kif ridtni Int.

U issa erġajt qtiltni
bil-ġmiel tal-ħolqien
bil-kobor ta' ġisem il-bniedem
u tajtni lsien aħmar
biex nikteb għal dejjem
sbuħitu għarwien.

U issa erġajt qtiltni
bl-imħabba li darba
tlaqt lilek għal xejn.

Int qtiltni bil-ħlewwa!
Int qtiltni bis-sewwa!
Int qtiltni bid-dnewwa
ta' mard l-umanità
sofferenti
imsallba ma' Ibnek
fuq l-għuda tal-għajb
biex miegħu tirxoxta
sabiħa għal dejjem
bi kliemi w kitbieti.

# Rapport Amministrattiv

*mis-segretarja*

*tal-moviment qawmien letterarju*

1972

*MINN mindu tela' l-kumitat il-ġdid fit-12 ta' Settembru, 1971, nistgħu ngħidu b'sodisfazzjon li ħdimna kemm stajna b'riżq l-idejali tagħna. Anzi sewwa sew dak in-nhar stess tal-laqgħa, il-kumitat il-ġdid issokta l-ħidma tal-ġbir tal-flus għall-monument tal-poeta nazzjonali, Dun Karm, ħidma li kienet ħadet tlitt ijiem sħaħ. Nhar it-22 ta' Settembru, 1971, fil-lokal tal-Atalanta, il-Belt, il-president, flimkien mal-president tal-moviment Żgħażagħ żebbuġin, ippreżentaw is-somma ta' £193, 3.9d. lill-president tal-kunsill ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ. Ir-rapport ingħata fil-ġurnali. Meta mbagħad il-monument ta' Dun Karm inkixef nhar il-31 t'Ottubru, 1971, il-Moviment ħa sehem attiv ħafna, mhux biss bil-preżenza tal-president u l-assistent president, iżda wkoll bil-preżentazzjoni ta' kuruna, u bil-għajnuna fit-tħejjija ta' l-akkademja—muziko-letterarja f'ġieħ il-poeta ftit jiem qabel.*

Il-ħidma li mbagħad dħalna għaliha b'ruħna u b'ġisimna kienet il-wirja tal-kotba maltin, l-ewwel wirja ta' din ix-xeħta li qatt saret f'Malta. M'hemmx għalfejn wieħed igħid li din il-ħidma, li l-kumitat ta' qabilna ma setax jagħmilha qabel minħabba d-diffikultajiet li sab, talbet ukoll min-naħa tagħna għadd ta' sforzi ġmielhom. Iż-żmien mogħti lilna kien mit-2 sa 1 ta' Ġunju, 1972, u saret fid-daħla tal-Mużew Nazzjonali, il-Belt. Għadd sabiħ ta' kittieba ħadu sehem, għad li minn dawn ukoll sibna — bla ma qatt stennejna — id-diffikultajiet, minħabbu li uħud minnhom baqgħu sa l-aħħar minuta biex ġibulna l-kotba, saħansitra wara li membri tal-kumitat infushom kellhom imorru d-dar għandhom. Hu x'inhu, nistgħu ngħidu li kemm mill-kummenti tal-ministru nnifsu li fetħet il-wirja, kemm mill-fehmiet tal-kittieba nfushom, u kemm mill-kummenti fuq il-ġurnali u Reddiffusion, din il-ħidma kienet suċċess kbir li ntwera l-iżjed bl-eluf ta' nies, fosthom turisti, li żaruha. Fil-wirja tqassmu wkoll kopji qodma tal-ħarġiet imgħoddija tal-"Polz".

Il - leħen tal-Moviment, "Il-Polz" ħareġ ukoll tliet darbiet, dak ta' Settembru-Diċembru, 1971, dak ta' Jannar-Ġunju, 1972, u dak li għadu kemm ħareġ ftit jiem ilu, Ġunju-Settembru, 1972. Fit-tlieta l-bord fittex li jdaħħal l-aħjar xogħlijiet tal-membri biex jinżamm livell għoli, waqt li fittixna li "Il-Polz" jissokta jkun għodda ta' dokumentazzjoni għall-ġejjieni.

Il-programm "Letteratura '72" issokta jinstema' kull ġimgħa, u nittamaw li kien ta' siwi biex isemma' l-aħjar xogħlijiet tal-membri tal-Moviment, u jissokta jxerred il-letteratura fost il-poplu.

Ħidma oħra li ħaditilna żmien u ħidma kienet it-twaħħil tal-lapida lill-poeta Rużar Briffa fil-Barrakka ta' Fuq, nhar it-18 t'Awissu, 1972. Għal din il-

## STQARRIJA

(jaqbad ma' paġna 1)

(i) l-istruzzjonijiet ta' din iċ-ċirkolari qegħdin iċaħħdu l-jedd li awturi Maltin jissuktaw l-ħidma letterarja tagħhom;

(ii) il-Moviment Qawmien Letterarju, bħalha Għaqda li temmen bis-sħiħ fil-jeddijiet u l-prestiġju tal-kittieba Maltin, tiddeplora dan il-fatt u titlob biex mill-aktar fis possibli l-Gvern iqis mill-ġdid din iċ-ċirkolari fid-dawl tal-Jeddijiet tal-Bniedem kif inhuma mħarsa mill-Għnus Magħquda.

Kopja ta' din l-istqarrija qiegħda tintbagħat lill-Gvernatur Ġenerali, lill-Prim Ministru, Ministri tal-Kabinett, Kap ta' l-Oppożizzjoni, Membri Parlamentari, l-Għaqdiet Letterarji, l-Istampa, Rediffusion/Televizjoni u Radju Malta.

iffirmata
Oliver Friggieri
President
Ritchie Vella
Segretarju

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

---

lapida, li switilna flus, ġiri bla waqfien, għal bosta drabi u bnadi, matul il-vaganzi, u xogħol ta' organizzazzjoni, kellna l-għajnuna tal-ministeru tal-edukazzjoni, u dik in-nhar tal-kxif l-aġent prim ministru ġie u kien hu li kixef il-lapida quddiem folla tassew numeruża.

Flimkien ma' dawn il-ħidmiet insemmu l-ħruġ tar-rivista "Sagħtar" għall-iskejjel ta' Malta u Għawdex, ħidma li ssoktat ixxerred l-ilsien u l-ħsieb tal-kittieba maltin fost l-istudenti.

Bħal issa tinsab fl-aħħar stadji ta' twettiq l-aħħar ħidma ta' dan il-kumitat, u l-ewwel ħidma tal-kumitat il-ġdid, jiġifieri l-antoloġija ta' xogħlijiet tal-membri. Għal din l-antoloġija, li l-Moviment qiegħed ifittex li, fil-limiti tagħha, tkun ta' ċertu livell letterarju, il-Moviment se joħroġ sussidju, biex inaqqas l-ispejjeż min-naħa ta' kull individwu. Din l-antoloġija mistennija toħroġ fi żmien ftit ġimgħat oħra.

Fil-31 ta' Awissu, 1972, il-Moviment, bis-saħħa ta' Dennis Agius, ta s-sehem tiegħu biex Malta tieħu sehem, permezz tad-dipartiment tal-edukazzjoni, fil-Biennale tal-poeżija li saret fi Knokke-Le Soute, fil-Belġju, fejn inqara studju ta' Oliver Friggieri dwar il-poeżija maltija f'dawn l-aħħar għaxar snin, u ġew ippreżentati rivisti letterarji lokali.

Dan huwa, fi ftit kliem, ix-xogħol li għamilna f'din is-sena u li biex inħejjuh iltqajna f'laqgħat tal-kumitat għal tmintax il darba, għal madwar tlitt sigħat kull darba u iltqajna wkoll fil-postijiet fejn organizzajna l-ħidmiet tagħna minn żmien għal ieħor.

29/10/72.

**Antoinette Galea Roebuck**
**segretarja moviment qawmien lett.**

*tissokta l-kitba ta' alfred sant minn paġna 8*

l-ħabs innifsu jitlef is-setgħa li jbeżżagħha għax l-għafsa ta' idu fuq qaddha issakkarha, iddewwaqha kuraġġ miġnun, tgħinha tittama fit-tama. Hi ukoll kellha bżonnu.

— Glorja lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu kif kien mill-bidu . . ." Ma setax ikompli hekk, l-uġigħ qawwi wisq. Qam mis-sodda, ma setax ikompli hekk, anke l-kliem tal-Glorja qed jiżolqu minn moħħu, ma jafx x'qed jgħid. Jew jieħu żewġ pilloli oħra, imma t-tabib ordnalu ma jeħodhomx jekk ma jgħidlux hu, jew iċempel lit-tabib. Rasu, rasu . . . qasam il-kamra għat-tavolina, il-ktieb żgħir bin-notamenti, il-paġna bin-numri tat-telefon, erbgħa ħamsa . . ., le, dak in-numru tan-neputi, tnejn tlieta . . ., tat-tabib. Għolla t-telefon minn postu, dawwar in-numri. Fuq it-tarf l-ieħor tal-linja, iċempel, iċempel, ħarġu, ħallewh waħdu. Sabbat it-telefon lura f'postu, u reġa' għas-sodda sħuna. Għadhom sejrin bir-rużarju hemm barra fit-triq . . . — Nikkunsidraw u nikkontemplaw it-tielet Misteru minn tal-Ferħ meta Ġesu twieled fil-għar ta' Betlem.

MA' kull Ave, subgħajh kienu jinżlu żibġa mal-kuruna mdendla miċ-ċinturin fuq is-suttana. Kien għoddu nesa t-tħassib tiegħu dwar jekk hix se tibda nieżla x-xita għax kollox miexi sew, bil-mod rieşaq lejn tmiem it-tielet posta u anki n-nagħas qed jagħraf jikkontrollah. Ħtieġlu joqgħod attent mill-kunfidenza żejda imma, u għajnu tmur bih f'nofs it-talb, mingħajr ma jintebaħ. Għalkemm it-triq tidher battala quddiemu, kien żgur li f'ħafna mid-djar tażżewġt iġnub, in-nies miġbura jitolbu miegħu, u l-ewwel, f'waħda mit-twieqi li sa' dak il-ħin, baqgħet mudlama, inxtegħel id-dawl. Dun Karm kellu raġun idaħħal din id-drawwa fir-raħal, u m'hemmx dubju li qed jinkiseb ġid kbir. L-abbatin jammirah ħafna lil dun Karm, ix-xewqa sigrieta tiegħu hi li għad joħroġ jixbhu, u meta jiftakar li l-kappillan offrielu li jgħinu bl-istudji tiegħu, is-Sibtijiet wara nofsinhar qabel imur iqarar, l-abbatin imtela ħajr. Wara t-twieqi tal-ħanut fit-tarf l-ieħor tat-triq, id-dellijiet mixgħula ta' l-irġiel jiċċaqalqu bla heda.

— X'tixrob?

— Birra.

— Żewġ birer.

Salvu għamel ta' bir-ruħu ma ntebaħx bit-tbissima ta' sid il-ħanut waqt li staqsiehom xi jridu. It-tbissima ma kienet tfisser xejn, ħaseb, sid il-ħanut jitbissem l-istess tbissima tul il-jum għax dak xogħlu. Il-ħanut inzerta mimli wisq, kieku kien jaf kien jieħu lill-"Boxer" x'imkien ieħor, fejn ma jiltaqgħux ma' għajnejn kurjużi josservawhom. Jew l-għajnejn ta' l-irġiel bil-qegħda ma' l-imwejjed u bil-wieqfa, ma kienu kurjużi xejn u ma kienu suspettużi xejn, u hu qed jistħajjel il-kurżita u s-suspett tagħhom? Ħares lejn il-"Boxer", jifli hu ukoll il-miġemgħa. Biż-żejjed tarah biex tifhem għaliex isejħulu hekk, b'wiċċu kbir u samm, geddum kwadru spallejh wiesgħa, dirgħajh għoqda waħda ta' muskoli. Sid il-ħanut ġabilhom il-birer.

— Minn hawn u ftit ieħor, nitilqu.

— Meta tgħidli.

Qrib il-"Boxer" kien qed iħossu tattafal u l-qasab. Għal mument ipprova jifhem x'seta' qed jaħseb l-ieħor dwaru. Imbagħad ftakar fil-qilla li baqgħet

(*jissokta f'paġna 18*)

**Ż**ERNIQ il-Mulej minn ruħu għab bħal ħolma
sikrana mlewna bil-għaxqa ta' sagrifiċċju medjevali.

Il-kliem damdam fid-dijadema tal-għajn
agunija mid-dagħdigħa u t-tqanqil ta' passjoni vulkanika.
Il-moħħ miżien dgħajjef maqbud,
bħal serp taħt rifsa tas-sieq,
ġarrab ħolm imċajpar maħżun bil-qawwa setgħana
ta' anġlu li darba ħadha kontra l-Mulej.

Il-bikja ta' ferħ f'din il-qilla moħbija
ħalfet li għada ssemma' l-ilħna mwerwra
ta' dawk l-irjus mitlufa fin-nirien,
imdendla fil-baħħ ta' dejjem.

In-nifs qasir maħkum bejn is-swaba' tal-għaġeb,
issielet ma' viżjoni msawra mill-agħjat maħnuq
għall-Ħelsien.

Għax hawn, x'waħdadin, lanqas l-iċken merżuq
ta' Ħelsien ma għad jinbet.
Il-bniedem bħal miġnun bis-sensi ħajja jrid jinħaraq
u jitmeżmeż minn sensiela ta' nirien iddisprati
fl-iżmna twal ta' l-univers.

Id-dmugħ imġelben bl-uġigħ magħqud tal-katavri
ħtija d-dnubiet tal-bieraħ
tafa' tiċpis ieħor ta' lwien ħamrani fis-subkuxjent
imsaħħar taż-żeffien.

Ħakmu d-dwiefer milwija ittemprati madwar il-manbar
tal-qirda.

Ħakmu d-dellijiet flimkien ma' ilsna tal-ħasar.

Ħakmu l-irwiefen isaffru bid-daħk baħnan tal-frugħa.
Is-snien iċekċku u nstemgħet twerżiqa bla rażan.
Il-moħħ seff il-meraq tal-ħruxija u ntilef
fl-irmied imnaqqas bħal dawk ta' qablu.

MARIO F. BEZZINA

ĠOL-FOSDQA

TAN-NIRIEN

L-AKTAR XARBA POPOLARI

COCA COLA

XARBA TAJBA GĦAS-SENA KOLLHA

## KOTBA MALTIN LI ĦARĠU DAN L-AĦĦAR

"**Dun Karm — ħajtu u ħidmietu**" (Ġużè Cardona, KKM).

"**Bla Ħabi**" (essays soċjali ta' Ġużè Galea).

"**Bliet u Rħula Maltin**" (storjografija ta' Alfie Guillaumier).

"**L-Ilma tal-Wied**" (poeżiji ta' Ġorġ Borg, bi studju ta' Oliver Friggieri).

"**Il-ħidma letterarja ta' Ninu Cremona**" (storjografija ta' Alfred Previ, O.P.).

"**Il-ħamsa fil-ġnejna**" (rumanz għat-tfal, miktub minn Charles P. Grech).

"**Mhux il-Faqar**" (rumanz ta' P. Wistin Born, KKM).

"**Wiċċ-imb-wiċċ**" (erba' drammi ta' Doreen Micallef, KKM).

"**Wild il-ħtija**" (rumanz ta' P. Dijonisju Mintoff, O.F.M. — edizzjoni tal-KKM).

"**Is-Sejħa tal-Kitba**" (antoloġija ta' l-Għaqda Kittieba Żgħażagħ).

poeżiji ta' v.m. pellegrini

# ruh ghatxana

*ĦAĠA waħda jien tlabt*
*u lilha nfittex:*
*li fid-dar t'Alla ngħix*
*il-jiem kollha ta' ħajti*
*biex nitgħaxxaq fit-tieba*
*li żżommni miegħu magħquda.*

*F'kull ħemm huwa jħarisni*
*u f'daru l-kenn 'itini;*
*fil-moħba żgħira ta' l-għamara tiegħu*
*huwa jaħbini*
*u fuq l-ogħla quċċata jtellagħni*
*għall-ħarsien tiegħi.*

*U għalhekk għajnejja nżomm*
*lejn is-smewwiet imsammra*
*u lejn l-għedewwa ħarsti*
*bla xejn biża' ndawwar.*
*F'debħa ta' ferħ*
*qalbi u ħsiebi nagħtih*
*u għana u daqq*
*u ferħ għall-hena tiegħu.*

# emikranja

*L-UMANITÀ ittarrxet!*
*Ħadd ma hu qed jisma' l-għajjat*
*ta' dawn is-siġar?*
*Għalqu ħalq dak il-ward,*
*ħaduli rasi,*
*sturdewni,*
*nixxfuni.*

*Il-lum donnu li f'ġismi*
*ma baqax ħlief widnejn*
*għax kollox miet ġo fija,*
*qiegħed nara bil-fors,*
*iżda ċpar biss*
*imdallam.*

*Aħsdu dawk is-siġar,*
*ħadd ma hu jisma'*
*it-twerżiq-sajjetti tagħhom?*
*Tabilħaqq li l-lum kulħadd*
*ittarrax*
*u jiena qomt għajjien,*
*b'uġigħ ta' ras ilanġas*
*u ħolm ta' skiet bla ħajja.*

mario azzopardi

# il-ballata ta' wenzu

**min mexxa driegħ wenzu bl-għajjat**
**fiċ-ċilindri tal-kromju**
**mill-misraħ fuq it-trakk ma refagħhiex**
**meta tqalet f'tarf il-jum**
**u mielet għajjiena mal-lampa qed togħnos**
**quddiem id-duluri**

**min mexxa driegħ il-ħaddiem**
**iggrilla swiċċbord molol tal-majka**
**w xedd għaxart iswaba' ggwantati**
**kesħin silġ bħal-landi ta' leger**

**u ma kienx jaf bir-rogħda kaħla**
**t'idejn wenzu meta wiċċu nħasel xmara**
**w ġismu nbaram arlekkin**
**mar-rebekkin tan-nar ġo żaqq it-tanker**

**(driegħ wenzu straħ biss fuq sorm martu**
**minfuħ daqs willendorf innukklata**
**imwassa bl-ulied)**

**wara kull għaxwa rħisa**
**wenzu kien jiġġenneb**
**bid-duluri tnemmes magħluba w'jorqod**
**sal-għajta mnewħa tas-sebħ**

**lura fil-baċir taż-żejt u d-demm**
**bħal ħanfusa bl-inċirata**
**kien jiġġebbed fuq is-slielem**
**jew inaddaf il-kabini tal-kaptani**
**mill-ammonja ta' l-urina**

(aqleb wara)

# il - ballata ta' wenzu

**tul kuriduri mqattgħin katakombi**
**ta' l-azzar tidwi l-għanja għarqana**
**tal-ħaddiem**

**tul purċissjoni mixgħula bil-gass**
**togħl'aktar 'il fuq mill-blast tar-ramel**
**fuq l-infafet tas-sadid**
**l-agunija tal-milgħuba**
**w terġa' l-għanja ta' l-aċtu terġa' l-karba**

**bħal friefet il-lejl imsammrin mat-tistieri**
**b'imsiemer bla ponta jokorbu**
**seba' visti rġiel fil-kaldaruni**

**ġo ħalq il-pajpijiet**
**tul medda kuriduri tniehed wenzu**
**bħall-irġiel fil-kaldaruni**

*taħt l-umbrella tad-duħħan*
*l-irġiel raw sriep u żnienen*
*twal tal-lastku korrugat w urina*
*w żejt u ċapep tas-sadid ulied*
*b'għadamhom jaqbeż u karti tal-vot*
*u tankers jgħajtu bl-uġigħ u jpejpu*
*l-fwar tal-mewt u ministri rekbin*
*trakkijiet ħomor u bojod u fladlajt vjola*
*w lampi tal-mantil u folol w għaqdiet*
*tal-ħaddiem u qmura kannella u rġiel*
*tal-landa w nisa b'lipstikk iċarċar*
*u fjuri tax-xewk u timplori kuruna ġo rashom*

**u fin-nagħas**
**għajnejn wenzu xxarrbu w dmugħu**
**niżel jimmolla boċċi tal-merkurju**
**fuq il-madum għajjien bl-inħir ta' martu**
**b'xuxitha mgħakkra w sormha sfigurat**

MARIO AZZOPARDI

# akille mizzi

## awtobijografija ta' bniedem a. d. 2000

JIEN ma nafx il-bewsa fietla t'omm ġdida
maħsula minn tqala ta' disa' xhur,
mimxuta fix-xemx ta' sodda xummiema.
Jien ma nafx l-ispażmi
ta' garġi l-ġuf jimbuttawni
għall-ħelsien ta' idejn majjistra.
Ma nafx għodod it-tobba jaħfnuni......
Ebda weġgħa ma ċaqċqet
l-irkiekel t'għadam ommi
biex iċċarrat għalija l-liżar
mid-dlam għad-dawl.

JIEN wild il-kalkoli
tal-fradal bojod
f'laboratorji sterilizzati.
Nisli magħżul
minn fost l-ifjen, fost l-egħref...
fost l-isħaħ.
Intagħżilt darba
mis-super-suq tal-isperma
inġazzata għal tul ta' żmien ġo siringa
sa ma tlaqqajt mal-ovum
ġo tubu tal-ħġieġ kristalli.

JIEN ma nafx it-tbandila ta' sider ommi...
ma nafx tgħattanni l-emisfera ratba
tqila b'matmura ta' ħlewwiet.
Ma nafx il-pjuma likwida
tan-ngħas nessej...
bl-irtuba tal-widien pre-natali.
Jien ma nafx is-sħana roża ta' korolla
fuq dawra ħanek isoff
nixxigħat imbiegħda
imriegħda
b'tanbur it-tribù......

META Alla ħalaq l-Univers
fis-seba' jum ħass il-ħtieġa li jistrieħ,
imma meta ommi oprat miraklu
biex laħħmet lili
baqgħet komda fejn kienet
taqra komki baħnan
fuq sufan.

# ulied eva

"... Id-dnubiet ta' l-oħrajn għad iniżżlu fuqna xita ta' kastigi. Wara li jispiċċa r-rużarju, tiekol malajr u tgħid rużarju ieħor..."

miegħu tul dawn l-aħħar jumejn u ma kienx jimportah aktar mill-fehma tal-"Boxer". Dik kienet il-verita: jekk isibuk dgħajjef u ħanin, jittraduk. Għallanqas, bil-flus tista' tixtri t-tpattija, u l-"Boxer" imdorri jagħmel li jgħidulu, bħal magna, u ħadd qatt ma ħabbel moħħu dwar x'taħseb magna. Aħjar joħnoq kull ħsieb, jgħix is-sigħat iebsa li qed jitwalu quddiemu qisu kien oġġett, magna bħall-"Boxer", mhux bniedem. Sa' hawn irnexxielha twasslu . . . Jgħid x'jgħid, jagħmel x'jagħmel, ilqrusa tfur fih.

— Ħa ngħidlek, qal maħtuf. Irridek tweġġgħu, tkorrih bis-serjetà, tagħtih tagħlima kif imiss. Qed tifhem x'irrid ngħid?

Il-"Boxer", wiċċu ċass u stupidu, xorob mill-birra tiegħu: Tħabbilx rasek. Ma qalulekx li għamilt sentejn naħdem għall-Ministru?

— Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art . . .

L-INGLIŻ dar mit-tieqa li tiftaħ fuq il-ġnien u ppassiġġa sat-tieqa l-oħra, li tiftaħ fuq il-ġonna ta' wara d-djar. Ma jiddispjaċinix li ġejt noqgħod f'dan ir-raħal, kien għadu kemm kiteb fl-ittra maħsuba għal ħabibu, li tinsab miftuħa fuq il-mejda. Barra bħalissa, hemm tifel liebes ta' qassis, jitlob b'leħen għoli u ninsab żgur li fid-djar ta' madwari, in-nies tar-raħal qed jitolbu miegħu. Hemm xi ħaġa li tqanqalni fl-għaqda ta' dlam u talb barra t-tieqa, nista' nistħajjel li tul sekli sħaħ, in-nies tar-raħal li fettilli niġi noqgħod fih, temmew il-ġurnata tagħhom, jum wara l-ieħor, b'dan l-istess mod. Qed ngħid hekk jien, li ili snin twal li tlift ir-raġunijiet li qabel kont nitlob għalihom. Għad tista' tibda nieżla x-xita, u nħossni żgur li t-tifel xorta waħda jibqa' jitlob b'leħen għoli sakemm itemm li qed jgħid ir-rużarju Kattoliku nimmaġina. — L-Ingliż mar lura għall-mejda, imbissem. Ħabibu mhu se jifhem xejn meta jaqra l-ittra. Kemm hu diffiċli tfisser is-sliem, is-skiet, li tħoss ġo fik, dan kollu għax fit-triq imdallma taħtek, il-leħen werżieqi ta' tifel qed jirreċta talb b'ilsien djalett li daqqa jfakkrek fl-Isqalli, daqqa fl-Għarbi tal-Lvant Nofsani.

(għal paġna 19)

# OLIVER FRIGGIERI

## tahlihx fix-xejn id-dmugħ

TAHLIHX fix-xejn id-dmugħ t'għajnejk
illejla.
Għad jasal żmien li tħoss sidrek jingħafas
u tara t-torso jieħu forma ġdida.
Għad tisma' s-saqaf u l-ħitan ta' moħħok
jixxaqqu nkiss inkiss fis-skiet ta' raqda
li ma tiġix għalik, u inti jkollok
tistenna l-ħin għaddej, ħa ssir xi ħaġa.
Għad tfittex taħt id-dawl tax-xemx is-sura
ta' dellek mimli w ma tagħrafx il-bniedem
li jibqa' jiġri wrajk kif trid ix-xjenza.

Għad jasal żmien li ħbub għajnejk jittappnu
f'wiċċek stirat u fommok ċass jitkemmex
biex tibki, u ma tkunx tista'.

Għalhekk taħlihx fix-xejn id-dmugħ illejla.
Met'għad tasal is-siegħa, ħallih joħroġ
sakemm tistrieħ. Imbagħad, ħa jiġri x'jiġri.

## N G H I X

FID-DLAM ingħix
u dalma kull ma nara f'ħajti.
Inħoss u mmiss,
nitkellem u nisma'.
Nifhem kif ifassal moħħi,
(li dawl qatt ma ra)
għalkemm bil-wisq jistħajjel
illi dawl hu dak kollu
li ma jarax.
Nibki? — Mhux il-wisq;
għax ġdid ma nixtieqx.
Igħidu jaraw ħafna ħwejjeġ,
jien ma nara xej' —
infassal bil-mod tiegħi biss
dak kollu li hu għaddej.

**LOLLY FARRUGIA**

**alfred sant**

• minn paġna 18

## ulied eva

—Ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk.
Kienet tonqosha l-ħila biex taqbel miegħu fil-miftuħ.

— Rita, ismagħni. Jeħtieġ li tiddeċiedi.

Hu seta' jiddeċiedi bla tlaqliq, ma kienx maqbud bħalha fit-tnalja tal-biża u l-għajb.

— Tħobbni?

Għalqet għajnejha, leħnu jistaqsi l-mistoqsija ma għarfitux. X'mistoqsija! Tħobbu? Tħobbu? Għaliex kellu jidħol f'ħajjitha, u sfrondalha l-ħitan ta' drawwiet li bniet madwarha ħalli tinsa s-sogħba għal żball li laħqet għamlet fi żmien meta ma kenitx taf x'inhi tagħmel? Dirgħajh jagħfsuha miegħu, ġenn u eċċitament li ma jħalluhiex taħseb . . .

— Kollox jiddependi minnek, u int taf. Ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Kemm tgħid il-kelma li lesta taħrab minn hawn u tiġi miegħi . . .

Fuq kollox, il-biża, itaqqlilha lsienha. Hu kien jaf kemm tixtieq, b'qalbha kollha tixtieq, li jistgħu jagħmlu kif qed jgħid. Jagħfasha f'dirgħajh u l-ħitan tas-salott, l-għamara tagħfas fuqhom it-tnejn minn kullimkien, il-ħabs. Mill-ħajt, il-mera tibgħat lejha r-rifless tagħhom imgħannqa u r-rifless kattrilha l-biża.

WASLU fi tmiem il-ħames posti u x-xiha ġabret f'idha l-kuruna li fuqha kienet qed tgħodd l-Ave Marijiet. It-talb sabiħ inessik il-kruhat ta' ħajja li jkollok tgħix minsija minn għajrek. Tassew kellu raġun il-kappillan fil-priedka tiegħu ta' nhar il-Ħadd, ifisser li bit-talb nirbħu merti enormi għax barra milli nkunu qed nitkellmu ma' Alla nnifsu, fl-istess ħin, inpattu għad-dnubiet tagħna l-ħtijiet ta' l-oħrajn. Ta'

(*jissokta f'paġna 20*)

● minn paġna 19

# ulied eva

bil-ħaqq, il-ħażen żdied u l-Kmandamenti li l-Ħallieq ta lil Mose fuq l-Għolja ta' Sinaj, jinkisru ta' kull waqt. Id-dnubiet ta' l-oħrajn għad iniżżlu fuqna xita ta' kastigi. Wara li jispiċċa r-rużarju, tiekol malajr u qabel torqod, tgħid rużarju ieħor. Il-proġett ma rnexxilux jeħlisha għal kollox mill-agħbra ta' diżappuntament li baqgħet magħha.

— Sliema għalik, Sultana, omm talħniena, ħajja ħelwa, tama tagħna. Sliema għalik lilek li ngħidu għaliex aħna tturufnati, ulied Eva, lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu . . .

It-tifla l-kbira kien għelibha n-nagħas, f'daqqa waħda, u l-omm, imbissma, osservat lil żewġha u lil uliedha jonogħsu, fil-pożi ta' min, għalkemm rieqed, mingħalih għadu mqajjem. Baxxiet leħinha biex ma tqajjimhomx, il-koll kienu għajjiena. Id-dwejjaq ta' ftit ilu bdew jinħallu, għal xi raġuni strambа li ma setgħetx tfisser lilha nnifisha. Is-sensja, il-qagħad, id-dar fuq ix-xaqliba l-oħra tar-raħal li issa, mhumiex se jikru; imma b'xi mod, sabet il-kuraġġ biex taħseb dwar il-problemi bla ma taqta' qalbha. Minn fejn qed jiġiha l-faraġ? Le, mhuwiex se jkollhom għalfejn jitilqu għall-Awstralja. Il-flus li faddlu għad iservuhom għal żmien mhux ħażin, u dal-għodu, għand talħaxix, in-nies kienu qed jitkellmu dwar fabbrika ġdida li se tinbena fuq it-triq tal-Belt. Paċenzja, jekk se jkollhom jgħixu f'din id-dar żgħira u mudlama, ma kienx minn Alla, u l-gwaj li laħaqhom seta' kien agħar. Jinsabu lkoll f'saħħithom, Alla jbierek. Il-missier ta daqqa qawwija 'l isfel b'rasu, stenbaħ, ħares lejn iż-żewġt ibniet jonogħsu lejn l-omm li tbissmitlu. Tbissem lura, donnu mistħi li ħalla n-nagħas jirbħu daqshekk.

KIEN hemm xiħ mal-mejda ta' quddiemhom, b'leħja bajda ta' tlett ijiem, u fuq il-mejda, tazza nbid aħmar. Kemm ilhom hawn, ix-xiħ kien għadu ma missx it-tazza tiegħu. Kull darba li jinstema' leħen l-abbatin, iċaqlaq xufftejh fi tweġiba siekta. Sa' dal-ħin, il-"Boxer" temm jixrob il-birra. X'jagħmel, jofffrilu birra oħra, jew imorru minnufih? Malli jaqbżu l-bieb tal-ħanut u jirfsu fit-triq, ma jkunux jistgħu jerġgħu lura. Issa, għadu jista' jwaqqaf kollox, jgħix ħajtu kif għexha s'issa, jagħmel ta' bir-ruħu li kollox għall-aħjar, li mhuwiex jintebaħ bit-tmasħin ta' l-oħrajn. Fit-triq, id-dlam; fil-ħanut, id-dawl u l-għagħa ta' rġiel miġbura flimkien għax-xarba ta' fil-għaxija. X'jimportah minnhom, mir-rimarki li jgħaddu b'leħen baxx . . . Iqisuh ġifa, beżżiegħ u ftakar li hi kienet tgħajru b'dak il-kliem fil-jiem meta kien fadallu l-ħila għall-anqas li jqanqal id-disprezz tagħha. Biż-żmien, anke dik il-ħila tilef. Gidem ilsienu, xorob sa' l-aħħar il-birra tiegħu.

(*tissokta fil-qoxra*)

— X nagħmlu?

— Meta tgħidli.

— Immorru?

— Immorru.

— Tinsiex x'għidtlek.

Qamu t-tnejn flimkien, sellmu lil tal-ħanut, u mxew għall-bieb ta' barra. Għall-ewwel darba l-lejla, ħassu kalm.

— Kyrie Eleison.

Il-Litanija. L-abbatin serraħ dahru mal-ħajt għax il-biċċa l-kbira mix-xogħol kien għadda, seta' jistrieħ xi ftit, il-Litanija l-parti tar-rużarju li l-aktar togħġbih gost, hu stess ma jafx għaliex. Kien għajjien u l-kesħa tal-lejl donnha qed tiżdied. Fil-ħin qasir li baqagħlu hawn ma jiex se tagħmel ix-xita. Ħtieġlu jibqa' jgħasses fuqu nnifsu biex ma jħallix lin-nagħas jisraq fuqu bla ma jintebaħ. — Christe Eleison.

Bdiet tibki, bla lfiq, demgħa oħra, u ppruvat tixxuttahom minn wiċċha bil-ponta ta' subgħajha.

— Ma nistax ngħinek, Rita. Trid tkun int li tiddeċiedi.

Għamlet 'iva' b'rasha. Fl-aħħar, qalet: Għandek raġun. Nagħmlu kif qed tgħid int.

● minn paġna 20

# alfred sant

— Sancta Dei Genetrix . . ." Dar wiċċu 'l fuq lejn is-saqaf, is-sodda għabbewha b'wisq fr ex, u għalhekk taħżen is-sħana. Bil-mod, l-uġigħ kien batta, ħelu ħelu, hekk li malli ntebaħ it-travi fis-saqaf, tnejn, minn tul il-kamra, intebaħ li m'għadux muġugħ. t-tabib kellu raġun jinsisti li ma jeħux mill-pilloli qabel jgħidlu hu. It-tobba dejjem għandhom raġun, saħans tra meta jiffirmawlek iċ-ċert fikat tal-mewt. Daħaq, imbagħad iċċassa lejn it-travi, imwerwer li bl-isforz tad-daħqa se' jerġa' jheżżu l-uġiegħ. Xejn. Daħaq għat-tieni darba, l-uġigħ għeb għal kollox. Allavolja jaf li żgur se jaqbdu mill-ġdid, jekk mhux il-lejla, għada fil-għodu, kellu ferħ ġdid fuqu. Ir-rużarju wasal biex jintemm, qegħdin fil-litanija. — Ora pro nobis, ora pro nobis.

— Sancta Virgo Virginum.

— Ora pro nobis. Ix-xiħa nħasdet. Semgħet tajjeb? Kienu resqin il-passi, jew semgħet ħażin . . .

— Mater Divine Gratiae.

L-Ingliż daħħal l-ittra fl-'envelope' li għalaq bir-reqqa.

— Mater Castissima.

Twerżiqa.

— Virgo Prudentissima.

— Sedes Sapientiae.

Leħen raġel jingħi. Imbagħad, splużjoni ta ħsejjes. Dwal jinxtegħlu. Mill-ħanut tax-xorb, l-irġiel ħarġu jiġru biex jaraw x'ġara. Nisa fit-twieqi tfal fuq l-għatba tal-bibien, nies iħaffu għal waħda mid-djar.

— Causa nostrae . . . L-abbatin fetaħ għajnejh beraħ, in-nagħas kien ħakmu għal mument. Dam ftit sakemm fehem li ħadd fit-triq ma kien għadu jitlob miegħu.

# ahbarijiet tal - moviment qawmien letterarju

## LAQGĦA MAL-GVERNATUR

*NHAR it-2 ta' Diċembru, 1972, l-eċċ tiegħu l-gvernatur ġenerali, sir Anthony Mamo, stieden lil għadd ta' kittieba maltin fil-palazz ta' san Anton. Huwa xtaq jiltaqa' magħhom u jsir jaf ħafna minnhom, bħala għarfien tas-sehem kbir li qegħdin jagħtu lir-ruħ kulturali tal-gżira. Aktarx li din m'hijiex l-aħħar darba. Jalla jkun hekk, għaliex żgur li ħidma fejjieda bħal din ta' l-eċċ. tiegħu l-gvernatur tista' tkun bidu ta' apprezzament aħjar lill-awtur lokali.*

## L-ANTOLOĠIJA TAL-MOVIMENT

SAKEMM qiegħed jinkiteb dan it-tagħrif, l-antoloġija ewlenija tal-Moviment Qawmien Letterarju, magħmula minn xogħlijiet ta' l-imseħbin tal-M.Q.L., tinsab fl-aħħar stadji ta' l-istampa. "Misraħ il-Għana" tħaddan ġabra ta' poeżiji u proża magħżulin minn numru wisq akbar ta' xogħlijiet li l-membri tal-Moviment kienu mitluba jibagħtu biex jitqiesu għax-xandir ta' l-ewwel antoloġija tal-Moviment. Meta l-antoloġija titlesta, u wara li tingħata kopja lill-membri (kulħadd skond kemm ħallas), il-kumitat qatagħha li jagħżel post ċentrali fil-Belt Valletta biex jibda f'Malta dak li f'artijiet oħra huwa magħruf bħala s-suq tal-ktieb. Il-bejgħ publiku ta' l-antoloġija jista' jkun mezz ieħor kif il-ktieb lokali jissokta jwessa' s-suq tiegħu fost il-publiku. Jekk dan il-proġett jirnexxi, hemm il-ħsieb li l-istess ħidma sseħħ ukoll għall-kotba tal-membri kollha tal-Moviment.

## IL-PROGRAMM TAR-REDIFFUSION

Il-programm "Kittieba ta' Żmienna", imwassal mill-Moviment minn fuq ir-Rediffusion, għadu jixxandar kull ġimgħa. Dawk kollha, membri u m'humiex, li jridu jxandru xi xogħol (ta' livell meħtieġ) fil-programm għandhom jikkuntattjaw lis-sur Albert Marshall (c/o, M.T.V., Gwardamanġja) jew jiktbu lill-M.Q.L., 60a, triq Brittanja, Valletta. Ikun aħjar jekk wieħed jibgħat tliet kopji ta' kull xogħol.

## IL-KUMITAT IL-ĠDID

WARA l-elezzjoni li saret fil-laqgħa ġenerali tal-Moviment (Istitut Kattoliku, nhar il-Ħadd, 29 ta' Ottubru, 1972), il-kumitat il-ġdid huwa dan: Oliver Friggieri reġa' ngħażel bħala l-president, u Frans Sammut reġa' nħatar viċi-president. Is-segretarju huwa Richard Vella; teżorier — Mario F. Bezzina; Ass. teżorier — Carmel Attard; membri oħra — Dr. V.M. Pellegrini, Albert Marshall, Frank Galea, Oreste Calleja, Dennis Agius, Vanni Riolo.

## LAQGĦA GĦALL-MEMBRI

SAKEMM qegħdin niktbu dan it-tagħrif, il-kumitat ħejja wkoll laqgħa soċjali ta' ħbiberija li għandha ssir fis-16 ta' Diċembru, 1972, mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m., għall-imseħbin kollha tal-Moviment. Il-programm issuġġerit huwa: qari ta' bċejjeċ letterarji mibgħuta mill-imseħbin infushom; dramm sperimentali ta' madwar nofs siegħa, maħsub minn Albert Marshall; xarba flimkien. Tmexxija minn Vanni Riolo.

*Lux Printing Press*